**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**27 ta' Diċembru, 2020**

# IL-FAMILJA MQADDSA

F'dan il-Ħadd qegħdin niċċelebraw il-festa tal-Familja Mqaddsa. Forsi tgħidu "imma din mhix bħal tagħna". Għandkom raġun. Il-familja llum tista' tkun ta' ħafna għamliet. Tkun numeruża jew żgħira, estiża, nukleari jew adottiva. Imma l-familja hija dejjem sabiħa. U anke meta jkun fiha l-inkwiet u t-tbatija, xorta tibqa' l-familja li rridu nħobbu, li ngħożżu, ngħinu u li nippruvaw inżommu



bħala l-bażi tagħna. Il-familja hija l-post li minnu noħorġu rasna għall-ewwel darba biex naffrontaw id-dinja. Il-familja hija l-post li lejh nerġgħu nirritornaw wara xi taptipa fuq rasna jew biex naqsmu l-ferħ meta nagħmlu suċċess f'xi ħaġa.

Il-kelma "familja" hija maġika, tikkonsla, tqawwina u titfgħalna ħarsitna lura u fil-preżent. Il-familja tatna l-ħajja. Il-familja ressqitna lejn Alla u s-Salvatur Ġesù. Il-familja nħobbuha dejjem mingħajr ma ngħejjew naħdmu għaliha. Bħal Ġużeooi li għalaq il-ħanut biex imur jinkiteb fiċ-ċensiment, imbagħad terraq biex mar pajjiż ieħor xħin riedu joqtlu lil Ibnu.

L-ebda familja mhi perfetta. U għalhekk nistgħu ngħidu li Alla tana l-opportunità tal-familja fejn neżerċitaw il-maħfra u fejn nitolbu maħfra.

Xħin tqabbel il-familja llum ma' dik tal-imgħoddi, naraw li nbidlet. Madankollu llum ukoll huwa meħtieġ li nqisu l-familja bħala dak is-santwarju sagru tal-imħabba u tal-Fidi Nisranija u t-talb.

*Ġesù, Marija u Ġużeppi, Familja Mqaddsa, agħmlu li nkunu nixbhukom u nħobbukom. Ammen.*

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI OĦRA:**

**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** nixtiequ nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom bħal kull sena. Infakkru lil dawk li għadhom ma ġabux l-oġġetti ta' fuq it-tag biex jagħmlu dan f'dawn il-jiem li ġejjin sabiex imbagħad ir-rigali jkunu jistgħu jitqassmu fid-djar li għalihom ġbarna din is-sena.

***MA' ALLA FIL-ĠNIEN:*** fadal ftit kopji tal-ktieb mill-pinna tal-Arċipriet. Jiswa €6. Min jixtieq kopja jista' jgħaddi l-Uffiċċju Parrokkjali jew inkella ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ.

**WIRJA EWKARISTIKA**



Fl-okkażjoni tal-Kwaranturi, fil-knisja tagħna bħalissa qed issir wirja dwar xi Mirakli Ewkaristiċi u informazzjoni dwarhom. Din il-wirja ġiet miġbura mill-Beatu Carlo Acutis, żagħżugħ li miet fl-2006 meta kellu biss 15-il sena. Din il-wirja hija okkażjoni għalina biex nikbru fil-fidi fil-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija.
Wirja sħiħa tal-mirakli kollha tkun esebita iktar 'il quddiem. Nirringrazzjaw lilll-Kunsill Lokali tan-Nadur li sponsorja din il-wirja.

**SENA ĊENTINARJA - 11:** Il-Leġjun ta' Marija joffri lill-membri rabta kbira mal-Kelma ta' Alla fl-Iskrittura fosthom mal-Ittri ta' San Pietru u San Pawl. Kien jixraq għalhekk li l-praesidium tal-irġiel jissemma għall-Verġni Mbierka, Sultana tal-Appostli.

## IS-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD!

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am